2023. M167

2023L557A1EL

# Coimisiún na Scrúduithe Stáit

*State Examinations Commission*

# LEAVING CERTIFICATE EXAMINATION, 2023

# MALTESE

## HIGHER LEVEL

**Monday, 19 June**
**09:30 - 12:30**

**Wieġeb bil-Malti, it-taqsimiet kollha: l-Ewwel Taqsima, t-Tieni Taqsima u t-Tielet Taqsima.**
**It-tweġibiet kollha għandhom jinkitbu bil-Malti.**

**Massimu 100 marka**

**L-Ewwel Taqsima** **(30 marka)**

**Aqra din is-silta b'attenzjoni u wieġeb is-sitt mistoqsijiet li hemm warajha.**
**Ikteb it-tweġibiet kollha fi kliemek u evita li tikkopja frażijiet jew sentenzi mis-silta**

**Favur trasport sostenibbli għas-saħħa fiżika u mentali** minn **Lara Calleja**



Kemm professjonisti u kemm tobba Maltin ilhom issa snin twal iħambqu li Malta għandha l-agħar kwalità ta' arja fl-Ewropa. Qegħdin jagħtu każ dawk ta' fuq? Le.

22 mewta fit-toroq ta' Malta u Għawdex fis-sena 2022. U 4,062 inċident li minnhom 1,020 sarrfu jekk mhux f'mewt, fi ġrieħi gravi. Dawn statistiċi li ħarġu fil-bidu ta' Ottubru 2022 jitkellmu weħidhom. U rridu nqisu li n-numri qabżu iktar mid-doppju ta' dawk li ġew irraportati fl-2021 u s-sena għadha ma ntemmitx. Sadanittant, il-każijiet ta' mwiet għadhom qegħdin jiżdiedu.

It-traġedji u l-imwiet fit-toroq Maltin huma trawma dewwimija għall-persuni involuti fl-inċidenti u għall-ħbieb u l-**qraba** tal-istess nies li kollha jġorru l-piż, it-telfa u d-dwejjaq ta' dawn it-traġedji.

It-traġedja l-oħra hija li l-vetturi f'pajjiżna qegħdin ikomplu jiżdiedu b'rata allarmanti. Statistika tal-NSO (*National Statistics Office*) turi li sa Settembru 2022, Malta kellha total ta' 422,576 vettura reġistrata, li minnhom madwar 10,000 biss huma vetturi ibridi jew elettriċi. Allarmanti wkoll il-medja ta' 65 vettura ġdida li qegħdin jiġu reġistrati kuljum. Kif imma għadna ma fhimniex li l-karozzi huma sors ta' traġedja wara oħra f'dan il-pajjiż? Għaliex qed inħallu ż-żmien għaddej waqt li nkomplu nżidu u nwessgħu t-toroq għax naħsbu li b'hekk se nirranġaw s-sitwazzjoni?

Kemm professjonisti u kemm tobba Maltin ilhom issa snin twal iħambqu li Malta għandha l-agħar kwalità ta' arja fl-Ewropa. Qegħdin jagħtu każ dawk ta' fuq? Le. Il-baġit il-ġdid huwa **xhieda ta' dan**. Baġit li ma ħaddan l-ebda pjan, l-ebda miżura konkreta u l-ebda viżjoni fir-rigward tal-isfidi kbar li qegħdin niffaċċjaw fil-qasam tat-trasport. Stqarrija li ħarġet l-Assoċjazzjoni Maltija tal-Mediċina tas-Saħħa Pubblika (MAPHM) fl-2020 pereżempju tgħid li l-arja maħmuġa tal-gżejjer Maltin tikkawża

iktar minn fatalità waħda kuljum f'pajjiżna u aktar minn 500 mewta fis-sena. Għal xi raġuni madanakollu, il-Gvern għadu ma jridx jifhem li inqas ma jkollna karozzi fit-toroq inqas ser ibatu u jmutu nies. Li inqas ma jinħarqu karburanti fossili iktar ser inħarsu l-ħajja tal-bniedem. Li meta, waqt il-pandemija fl-Ewropa, ħarġu inqas karozzi fit-toroq evitajna 11,000 mewta.

Gravi. M'hemmx kelma aħjar. Hija ċara daqs il-kristall issa iktar minn qatt qabel, kemm l-ammonti kolossali ta' vetturi fit-toroq Maltin għandhom konsegwenzi gravi fuq is-saħħa fiżika tan-nies. Bosta studji jindikaw ċar ukoll li adulti kontinwament esposti għat-traffiku qegħdin f'riskju akbar li jbatu minn kundizzjonijiet mentali. Dan ġej mill-fatt li bit-traffiku jiżdiedu kimiċi fl-arja bħad-Dijossidu tan-Nitroġenu (NO2) u l-Materja Partikolari Fina (PM2.5) li jikkawżaw kundizzjonijiet mentali bħall-ansjetà u d-dipressjoni u jżidu l-possibiltà ta' kundizzjonijiet bħal uġigħ fl-istonku, qtugħ ta' nifs u problemi ta' rqad.

F'intervista riċenti, il-psikologu Dr Gottfried Catania semma' s-sens ta' frustrazzjoni, l-ansjetà u r-rabja li qegħdin jesperjenzaw eluf ta' nies kuljum waqt il-ħinijiet tas-sewqan. L-istress mentali tat-traffiku mhux ġej biss mill-ħin ta' stennija, fejn is-sewwieqa jesperjenzaw mumenti twal ta' klawstrofobija, imma anka mill-istorbju li jikkawża t-traffiku inġenerali, kemm għas-sewwieqa kif ukoll għan-nies fil-madwar tal-inħawi. U l-anqas mid-dar ma huma jistrieħu mill-karozzi n-nies għax bir-rata dejjem tiżdied ta' toroq, sar kważi impossibbli li nevitaw il-ħsejjes tal-karozzi għaddejjin.
Il-biċċa l-kbira tal-Maltin konxji sew minn dawn il-problemi u inkwetati b'mod partikolari dwar l-impatt tagħhom fuq problemi bħall-ażma, il-mard fil-pulmun u l-mard tal-qalb. U konxji wkoll li qegħdin jiġu injorati fit-tħassib u l-inkwiet tagħhom. **Stħarriġ** tal-Ewrobarometru juri li 64% tal-Maltin iħossu li l-awtoritajiet mhumiex qegħdin jagħmlu biżżejjed biex inaqqsu t-tniġġis fl-arja. Barra minn hekk, il-poplu qiegħed iġorr il-piż tat-traffiku minn butu. Il-konsegwenzi tal-konġestjoni, l-istorbju u l-arja ħażina jiswewna, skont l-Ewrobarometru, erba' mitt miljun ewro fis-sena - 3.6 % tal-PGD.
Hemm soluzzjonijiet iva. Hemm bosta affarijiet li nistgħu nagħmlu sabiex intejbu s-sitwazzjoni. Il-Gvern jista' jibda pereżempju billi jħeġġeġ lil min iħaddem sabiex iħaddmu mudelli flessibbli ta' xogħol, fejn il-ħaddiema jabbinaw il-ħidma remota max-xogħol mill-uffiċċju. Ħinijiet tax-xogħol flessibbli kif ukoll **impjieg** ta' erba' darbiet fil-ġimgħa flok ħamsa ser inaqqsu l-ammont ta' vetturi li joħorġu fit-toroq kuljum.

L-ikbar għodda madanakollu tibqa' servizz tat-trasport pubbliku organizzat kif suppost jiġifieri b'mod aċċessibbli, regolari u effiċjenti. Dan jinkludi politika b'saħħitha għall-użu tar-roti, toroq li kollha jinkludu karreġġjati għar-roti, gwida ta' standards ċari fejn jidħlu infrastrutturi għall-użu tar-roti u l-ispazji pedonali, kif ukoll spazji miftuħa bħal pjazzez u toroq li dejjem jibqgħu bla karozzi.

Ir-riċerka saret, l-organizzazzjonijiet tkellmu, in-nies tkellmu magħhom, l-istatistika traġika, imdemmija u tal-waħx. Għalfejn **għadna mjassra** mill-karozzi? Tmiem sena iebsa oħra wasal ukoll. Għalfejn ir-raqda?

https://www.illum.com.mt/opinjoni/socjali/67168/lara_calleja__favur_trasport_sostenibbli_gassaa_fiika_u_mentali_#.Y-kkaHbMI2w
*Meħud mill-ġurnal 'Illum'. Addattat għall-għanijiet tal-eżami mingħajr il-kunsens tal-awtriċi.*

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:**

1. Spjega fi kliemek it-tifsira tal-espressjonijiet li ġejjin: (5 × 1 marka)

   a) qraba
   b) xhieda ta' dan
   c) stħarriġ
   d) impjieg
   e) għadna mjassra.

2. X'tinnota l-awtriċi dwar l-istatistika marbuta mal-ammont ta' inċidenti fuq it-toroq Maltin u n-numru ta' vetturi fit-toroq? (5 marki)

3. Minbarra l-imwiet ikkawżati minn traġedji fit-toroq, kif qed twassal għal aktar imwiet il-problema tat-traffiku? (5 marki)

4. Semmi tliet raġunijiet għalfejn il-biċċa l-kbira tal-Maltin huma mħassba. (5 marki)

5. *"...il-psikologu Dr Gottfried Catania semma' s-sens ta' frustrazzjoni, l-ansjetà u r-rabja li qegħdin jesperjenzaw eluf ta' nies kuljum waqt il-ħinijiet tas-sewqan."*

   Iddeskrivi fi kliemek il-problemi msemmija mill-psikologu. Taqbel mal-opinjoni tal-psikologu? Agħti raġunijiet għalfejn taqbel jew ma taqbilx. (5 marki)

6. Għalfejn l-awtriċi tagħżel li ssaqsi żewġ mistoqsijiet, "*Għalfejn għadna mjassra mill-karozzi? Tmiem sena iebsa oħra wasal ukoll. Għalfejn ir-raqda*?" (5 marki)

**Taqsima II** **(30 marka)**

***Iddiskuti dan li ġej f'madwar 100 - 150 kelma.***

Fl-opinjoni tiegħek, x'inhuma l-fatturi ewlenin li aħna l-bnedmin għandna bżonn biex inkunu f'saħħitna?

**Taqsima III** **(40 marka)**

***Agħżel mistoqsija waħda minn din it-taqsima u ikteb madwar 300 kelma.***

1. Kemm huma importanti l-annimali fil-ħajja tagħna? X'taħseb dwar dan?

**jew**

2. "Il-mistoqsija hija oħt il-għerf." X'taħseb dwar dan il-proverbju fil-ħajja tal-istudenti?